**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-B9-0436/2023 }**
**B9-B9-0442/2023 }**
**B9-0444/2023 }**
**B9-0445/2023 }**
**B9-0448/2023 } RC1**

18.10.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0436/2023 (PPE)
B9-0442/2023 (Verts/ALE)
B9-0444/2023 (ECR)
B9-0445/2023 (S&D)
B9-0448/2023 (Renew)

dwar l-attakki terroristiċi ta' stmellija mill-Ħamas kontra Iżrael, id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi ruħu f'konformità mad-dritt umanitarju u internazzjonali u s-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża
(2023/2899(RSP))

**Manfred Weber, Antonio López-Istúriz White, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, David McAllister, Željana Zovko, Isabel Wiseler-Lima, Andrey Kovatchev, David Lega, Tom Vandenkendelaere**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Tonino Picula**
f'isem il-Grupp S&D

**Hilde Vautmans, Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Nicola Beer, Vlad-Marius Botoş, Catherine Chabaud, Dacian Cioloş, Ilana Cicurel, Katalin Cseh, Nicola Danti, Bernard Guetta, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Dragoş Pîslaru, Frédérique Ries, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache**
f'isem il-Grupp Renew
**Jordi Solé**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Bert-Jan Ruissen, Joachim Stanisław Brudziński, Waldemar Tomaszewski, Assita Kanko, Cristian Terheş, Anna Zalewska, Adam Bielan, Witold Jan Waszczykowski, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Eugen Jurzyca, Carlo Fidanza**
f’isem il-Grupp ECR
**Fabio Massimo Castaldo**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-attakki terroristiċi ta' stmellija mill-Ħamas kontra Iżrael, id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi ruħu f'konformità mad-dritt umanitarju u internazzjonali u s-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża**
**(2023/2899(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2023 dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2(4) u 51 tal-Karta tan-NU li jiżguraw id-dritt ta' awtodifiża,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta mill-mexxejja ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Italja, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti tal-Amerka tad-9 ta' Ottubru 2023,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji dwar Arranġamenti Interim ta' Awtogovernanza tat-13 ta' Settembru 1993 (il-Ftehimiet ta' Oslo),

– wara li kkunsidra l-lista tal-UE ta' terroristi, li tinkludi l-Ħamas bħala organizzazzjoni terroristika,

– wara li kkunsidra d-dritt umanitarju internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet ta' The Hague tal-1899 u l-1907 u l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-Protokolli Addizzjonali tagħhom,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fis-7 ta' Ottubru 2023, qrib il-50 anniversarju tal-attakk li beda l-Gwerra Yom Kippur, il-grupp terroristiku Ħamas, li huwa elenkat fil-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi, wettaq attakk terroristiku ta' stmellija kontra Iżrael ta' krudeltà bla preċedent, inklużi atti ta' tortura u stupru; billi l-ġellieda terroristi tal-Ħamas daħlu fit-territorju Iżraeljan waqt li llanċjaw b'mod massiv aktar minn 5 000 rokit; billi dawn l-attakki brutali, li kienu diretti prinċipalment lejn iċ-ċivili, irriżultaw fil-qtil ta' aktar minn 1 400 Iżraeljan u mill-inqas 75 ċittadin barrani, inklużi ċittadini tal-UE, li l-maġġoranza tagħhom kienu ċivili, inklużi tfal u trabi; billi mill-inqas 3 400 persuna sfaw midruba; billi l-grupp terroristiku Ħamas ħataf madwar 200 individwu u issa qed iżommhom ostaġġi f'Gaża, inklużi tfal, nisa, anzjani, superstiti tal-Olokawst u uħud minnhom ċittadini tal-UE; billi fit-13 ta' Ottubru l-grupp terroristiku Ħamas ħabbar li 13-il ostaġġ kienu tilfu ħajjithom;

B. billi s-7 ta' Ottubru 2023 kien l-aktar jum fatali għal-Lhud sa mix-Shoah u jirrappreżenta l-ogħla numru ta' fatalitajiet f'jum wieħed fl-istorja ta' Iżrael;

C. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha kkundannaw bil-qawwa d-delitti mwettqa mill-Ħamas u talbu ripetutament il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha miżmuma f'Gaża; billi atturi reġjonali ewlenin bħall-Iran, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, il-Kuwajt, is-Sirja u l-Iraq akkużaw lil Iżrael bir-responsabbiltà tal-attakk; billi r-riskju ta' eskalazzjoni fir-reġjun huwa l-ogħla wieħed f'ħafna deċennji;

D. billi fid-9 ta' Ottubru 2023 il-Ministru għad-Difiża ta' Iżrael ħabbar assedju sħiħ tal-Istrixxa ta' Gaża, inkluż il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku, tal-ikel u tal-ilma fiż-żona; billi l-Gvern Iżraeljan sejjaħ 360 000 riżervista; billi fit-13 ta' Ottubru, il-Forzi tad-Difiża Iżraeljani appellaw għall-evakwazzjoni ta' madwar 1,1 miljun Palestinjan li jgħixu fil-Belt ta' Gaża u fit-Tramuntana tal-Istrixxa ta' Gaża lejn in-Nofsinhar taż-żona; billi s-sospensjoni tal-provvista tal-elettriku, l-ikel, l-ilma u l-fjuwil għall-Istrixxa ta' Gaża tirriskja li tipprovoka d-deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni umanitarja fir-reġjun, peress li l-popolazzjoni ta' Gaża ma tistax titlaq, minħabba li l-fruntiera tagħha mal-Eġittu ilha magħluqa għal aktar minn ġimgħa; billi aktar minn 2 600 Palestinjan f'Gaża nqatlu, aktar minn għaxart elef sfaw midruba u 'l fuq minn miljun ċittadin ta' Gaża, nofs il-popolazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża, s'issa ġew spostati fl-Istrixxa ta' Gaża;

E. billi l-organizzazzjoni terroristika Ħamas ma tirrappreżentax lill-poplu Palestinjan u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu;

F. billi l-Kummissjoni ma tkellmitx b'vuċi waħda dwar dan il-kunflitt, peress li ġew rilaxxati dikjarazzjonijiet kontradittorji mill-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir u mill-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet; billi saru aktar dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-President tal-Kummissjoni;

G. billi 30 sena wara l-Ftehimiet ta' Oslo, il-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina għadu mhux solvut;

H. billi qed jiċċirkolaw ammont sinifikanti ta' informazzjoni falza u kontenut manipulat; billi m'għandu jkun hemm ebda tolleranza għat-terroriżmu, għall-glorifikazzjoni tal-vjolenza jew għal dawk li jsejħu għall-qerda ta' Iżrael u tal-ħajja Lhudija;

1. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-attakki terroristiċi ta' stmellija mwettqa mill-grupp terroristiku Ħamas kontra Iżrael u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Istat ta' Iżrael u lill-poplu tiegħu; itenni li jeħtieġ li l-organizzazzjoni terroristika Ħamas tinqered;

2. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha li ttieħdu mill-grupp terroristiku Ħamas u li l-iġsma tal-ostaġġi mejta jingħataw lura; ifakkar li t-teħid ta' ostaġġi huwa ksur tad-dritt internazzjonali u jikkostitwixxi delitt tal-gwerra;

3. Jesprimi s-sogħba profonda u s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat, qrabathom u l-għeżież tagħhom;

4. Jappella biex dawk responsabbli għal atti terroristiċi u għall-ksur tad-dritt internazzjonali jinżammu responsabbli; itenni l-appoġġ qawwi tal-UE għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

5. Jirrikonoxxi d-dritt ta' Iżrael għall-awtodifiża, kif minqux fid-dritt internazzjonali u ristrett minnu, u jenfasizza li l-azzjonijiet ta' Iżrael iridu għalhekk jikkonformaw strettament mad-dritt umanitarju internazzjonali; jissottolinja li l-attakki mill-grupp terroristiku Ħamas u r-rispons Iżraeljan jirriskjaw li jwasslu għal ċiklu intensifikat ta' vjolenza fir-reġjun;

6. Jissottolinja l-importanza li ssir distinzjoni bejn il-poplu Palestinjan u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu minn naħa, u l-organizzazzjoni terroristika tal-Ħamas u l-atti ta' terroriżmu tagħha min-naħa l-oħra;

7. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora b'rata mgħaġġla fl-Istrixxa ta' Gaża, fejn madwar nofs il-popolazzjoni huma tfal; jappella għall-ftuħ ta' kurituri biex tiġi pprovduta għajnuna umanitarja liċ-ċivili fl-Istrixxa ta' Gaża u li dawn jinżammu miftuħa b'mod permanenti; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tkompli u żżid l-assistenza umanitarja tagħha lill-popolazzjoni ċivili fiż-żona; itenni li l-UE jeħtiġilha tkompli twasslilhom għajnuna umanitarja; iħeġġeġ lill-Eġittu u lil Iżrael jikkooperaw mal-komunità internazzjonali biex jistabbilixxu kurituri umanitarji għall-Istrixxa ta' Gaża;

8. Jistieden lill-partijiet kollha jieħdu l-passi meħtieġa biex iġibu bidla fundamentali fis-sitwazzjoni politika, tas-sigurtà u ekonomika fl-Istrixxa ta' Gaża, inkluż il-ftuħ mill-ġdid tal-punti ta' qsim, filwaqt li jindirizzaw it-tħassib leġittimu ta' Iżrael dwar is-sigurtà;

9. Jikkundanna l-attakki bir-rokits sparati mil-Libanu u s-Sirja lejn Iżrael; jistieden lill-Hezbollah u lill-gruppi militanti Palestinjani f'dawn il-pajjiżi biex jastjenu minn kwalunkwe att ta' aggressjoni kontra Iżrael; jitlob, barra minn hekk, li jitnaqqsu t-tensjonijiet f'Ġerusalemm tal-Lvant u fix-Xatt tal-Punent;

10. Jitlob li titnaqqas it-tensjoni u li d-dritt umanitarju internazzjonali jiġi rrispettat bis-sħiħ; ifakkar fil-ħtieġa li tinstab soluzzjoni paċifika għall-kunflitt; jisħaq li l-attakki fuq iċ-ċivili, inklużi l-ħaddiema tan-NU, il-ħaddiema mediċi u l-ġurnalisti, u l-infrastruttura ċivili huma ksur serju tad-dritt internazzjonali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jimplimentaw minnufih miżuri ta' tnaqqis ta' tensjoni bl-għan li jevitaw l-eskalazzjoni potenzjali tat-tensjonijiet attwali tul il-fruntiera Iżraeljana-Libaniża f'kunflitt fuq skala kbira;

12. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-appoġġ tal-Iran għall-grupp terroristiku Ħamas u gruppi terroristiċi oħra fl-Istrixxa ta' Gaża, u jikkundanna r-rwol destabbilizzanti tal-Iran fir-reġjun permezz tal-azzjonijiet tiegħu biex jinċita l-vjolenza u jeskala l-kunflitt, kif ukoll l-appoġġ tiegħu għall-aġent tiegħu Hezbollah fil-kuntest tal-attakki; itenni t-talba tiegħu biex il-Korp kollu tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika u l-Hezbollah jiġu inklużi fil-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi u jitlob li

ssir investigazzjoni bir-reqqa dwar ir-rwol tal-Iran, kif ukoll ta' pajjiżi oħra bħall-Qatar u r-Russja, fil-finanzjament u l-appoġġ tat-terroriżmu fir-reġjun;

13. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għal soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati abbażi tal-linji tal-1967 b'żewġ stati sovrani, demokratiċi li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u fis-sigurtà garantita, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, u b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; iħeġġeġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jfasslu inizjattiva Ewropea biex jitkompla l-progress fir-rigward tas-soluzzjoni ta' żewġ stati; jenfasizza l-ħtieġa assoluta li l-proċess ta' paċi jerġa' jitnieda mill-ġdid immedjatament;

14. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Istati Membri tal-UE biex b'mod urġenti jkomplu jieħdu azzjoni diplomatika biex jindirizzaw is-sitwazzjoni mas-sħab fir-reġjun u mas-sħab internazzjonali, inkluż fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jippruvaw jagħmlu l-almu tagħhom biex ilaqqgħu lill-partijiet bl-iskop li jindirizzaw is-sitwazzjoni fir-reġjun u jaħdmu biex isolvu l-kawżi ewlenin tal-kunflitt;

15. Jissottolinja li dikjarazzjonijiet u azzjonijiet mhux koordinati minn rappreżentanti varji tal-UE wasslu għal approċċ inkonsistenti lejn il-kunflitt; jinsisti li l-Kummissjoni u l-Kunsill jeħtiġilhom jindirizzaw is-sitwazzjoni b'mod koordinat u b'vuċi waħda biex l-UE tkun tista' twettaq l-ambizzjonijiet ġeopolitiċi tagħha;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti bidu għal rieżami bir-reqqa tal-assistenza finanzjarja kollha tal-UE lill-Palestina u lir-reġjun sabiex tiżgura li ebda fond tal-UE ma jiffinanzja direttament jew indirettament lil xi organizzazzjoni terroristika; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid ikompli jipprovdi appoġġ għall-bini tal-paċi u tal-istabbiltà fir-reġjun, għall-ġlieda kontra l-mibegħda u l-fundamentaliżmu u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi, mill-aktar fis possibbli, ir-riżultati lill-Parlament fir-rwol tiegħu bħala l-awtorità baġitarja; jenfasizza li s-sitwazzjoni umanitarja fir-reġjun hija mistennija li tmur għall-agħar u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-ħtiġijiet ta' għajnuna umanitarja fir-reġjun biex tiżgura li l-finanzjament tal-UE jkompli jilħaq lil dawk fil-bżonn ta' assistenza;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis possibbli tieħu rwol ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri biex tiggarantixxi l-evakwazzjoni u r-ripatrijazzjoni sikuri u rapidi ta' kwalunkwe ċittadin tal-UE li jixtieq jitlaq mir-reġjun, abbażi tas-solidarjetà fost il-pajjiżi tal-UE;

18. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fid-diskorsi antisemitiċi, fil-manifestazzjonijiet u fl-attakki diretti lejn il-poplu Lhudi sa mill-bidu tal-attakki terroristiċi tal-grupp terroristiku Ħamas; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiggarantixxu s-sikurezza taċ-ċittadini Lhud tal-UE, inkluż billi jipprovdu protezzjoni immedjata lill-iskejjel u lill-postijiet ta' qima; jikkundanna bil-qawwa l-qtil reċenti ta' għalliem fi Franza u ta' żewġ persuni Żvediżi fil-Belġju mwettqa minn terroristi Iżlamiċi;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura li Meta, X u TikTok

jirrispettaw ir-regoli stabbiliti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali[1] u, meta applikabbli, fil-Kodiċi ta' Prattika tal-UE dwar id-Diżinformazzjoni u li jittieħdu miżuri stretti kontra dawn il-pjattaformi jekk it-tixrid ta' kontenut ta' mibegħda u ta' ħsara fuqhom ikompli mingħajr xkiel;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kumissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Knesset u lill-Gvern ta' Iżrael, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u lill-Awtorità Palestinjana u lill-Parlament u lill-Gvern tal-Eġittu.

[1] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).